Minuti għal-għaxar (10/7) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet msejjħa fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar il-Ġimgħa 23 t'Awwissu 2013 fil-5.30p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku: | Is-Sur John-Mary Calleja |
| | Viċi Sindku: | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Is-Sur Mark Anthony Sammut, is-Sinjorina Demelsa Grech u s-Sur Stefan Caruana |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Joseph M. Formosa |

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
   - a. 08/7 (02 ta' Lulju 2013)
   - b. 09/7 (23 ta' Lulju 2013)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   - a. Sindku
   - b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
     - i. Viċi-Sindku ii. Kunsillieri
   - c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
   - a. Ilmenti

4. Aġġudikazzjoni ta' Tender:-
   - a. Tender03/2013 – Contract Manager - Perit

5. Għeluq u Tiġdid ta' Kuntratti:-
   - a. Kuntratt06/2010 – Cleaning and maintenance of public convenience (għeluq it-tlett snin 31/10/13)
   - b. Kuntratt07/2010 – Collection of Bulky Refuse (għeluq it-tlett snin 31/10/13)
   - c. Kuntratt08/2010 – Street sweeping and cleaning of urban roads (għeluq it-tlett snin 31/10/13)
   - d. Kuntratt06/2012 – Accountancy service (tiġdid it-tieni sena)

6. Xogħlijiet u Progress:-
   - b. Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna

7. UIF - Ġnien Raymond Caruana

8. Alfred Mizzi vs Kunsill Lokali Il-Gudja – sentenza għall-ammont ta' €7385.78

9. Proposta għal ftehim dwar l-ammont pendenti ta' Mangion Brothers Zurrieq Ltd għas-somma €16341.00

10. Finanzi:-
    a. Petty Cash;
    b. Skeda ta' Pagamenti;
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

11. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-Laqgħa bdiet fis-5.40pm wara talba qasira u b'dedikazzjoni għal fejqan ta' Peter Paul Sammut wara inċident tat-traffiku li ġara l-Ħadd 16 t'Awwissu 2013.

**1. *<u>Approvazzjoni ta' minuti:-</u>***

***<u>a. 08/7 (02 ta' Lulju 2013)</u>***
***<u>b. 09/7 (23 ta' Lulju 2013)</u>***

1.1 Dawn il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li kienu diġa ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa tal-Kunsill. Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

1.2.0 Affarijiet li tqajmu mill-minuti 08/7 – 02 ta' Lulju 2013.

1.2.1 2.2.2 Kunsillieri Tema C IV – JChallenge Youth Village – Il-Gudja

Is-Sur Caruana qal li din is-sena għal perjodu bejn id-29 t'Awwissu 2013 u l-01 ta' Settembru 2013 sejjer ikun hemm it-tieni edizzjoni tal-proġett u programm imsejjaħ JChallenge Youth Village il-Gudja.

1.2.2 Tema 4.1 – Tender 01/2013 – Riġenerazzjoni ta' Ġnien Raymond Caruana Il-Gudja.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino qal illi din it-tema ġiet deċiża mill-Kunsill waqt laqgħa msejħa b'urġenza kif juru l-minuti tal-istess laqgħa li saret fit-23 ta' Lulju 2013 li ukoll ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha u li ukoll ġew approvati f'din il-laqgħa (23 t'Awwissu 2013).

Minħabba proċeduri stabbiliti dwar l-għoti tat-tender il-proċess kellu jittawwal u issa x-xogħol għandu jibda fis-26 t'Awwissu 2013 u jispiċċa sa mhux aktar tard mill-15 t'Ottubru 2013.

Il-proġett qed jinqasam fi tlett partijiet u dan sabiex ikun hemm kontroll aħjar u li jiġi assigurat li ma jkunx hemm tfixkil meta l-pubbliku jkun qed juża dan il-ġnien pubbliku.

1. Playing field Area
2. Gazibo Area
3. Pitch żgħir tal-futbol.

Il-Kunsill qabel ma' dan il-programm ta' xogħol u filwaqt li wera l-apprezzament tal-ħidma tal-Viċi-Sindku f'dan ir-rigward, awgura li dan il-proġett jibda u jitlesta fil-perjodu kif propost.

Il-Kunsill sejjer jiġi infurmat minn żmien għal żmien bil-progress u twettieq ta' dan il-proġett

1.2.3 Tema 5 – Għeluq u tiġdid ta' kuntratti – 5.1 Kuntratt 02/6 Cleaning and clearing of non urban roads (għeluq it-tlett snin).

Is-Sur Baldacchino fetaħ id-diskussjoni billi wera d-dubju kemm il-Kunsill jista jwettaq dan ix-xogħol mingħajr il-ħidma ta' kuntrattur.

Is-Sindku tenna illi jekk jiġu organizzati l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill fl-iskema ta' Community Workers Scheme, il-Kunsill ikun qed jiffranka l-flus u li dawn il-flus ikunu jistgħu jiġu allokati għal proġetti oħra.

Il-Viċi-Sindku wieġeb li anke huwa jrid li jiġu frankati l-ispejjeż u jaħseb li hemm fejn jistgħu jiġu frankati spejjeż iżda dan issir mhux biss billi ngħaddu dan ix-xogħol lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill għaliex dan jista jinkorri spejjeż u riskji oħra għall-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar il-kompetenzi ta' dawn il-ħaddiema u dwar il-kundizzjonijeit tax-xogħol li jkunu qed jaħdmu fihom u dwar il-limitazzjoni tal-ħdima taghhom li jista jimponi il-Kunsill sabiex jikseb l-aħjar is-servizzi meħtieġa mingħand dawn l-istess ħaddiema.

Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinkiseb informazzjoni uffiċċjali mill-ETC dwar il-kompetenzi ta' dawn il-ħaddiema u dwar il-possiblita li dawn il-ħaddiema jużaw makkinjarju u inġenji oħra meħtieġa meta jkunu qed iwettqu x-xogħol ta' tindif u xogħol ieħor relatat fit-toroq u trejqiet mhux urbani.

Għandu ukoll jiġi iċċarat jekk fil-fatt dawn il-ħaddiema jistgħux jagħmlu xogħlijiet fuq tower ladder jew apparat ieħor fl-għoli.

Meta tali informazjoni tkun għand il-Kunsill, il-Kunsill jista isejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex jiddiskuti u jiddeċiedi dwar din il-materja.

Il-Kunsill iddeċieda ukoll illi x-xiri jew le tal-makkinarju jiġi deċiż wara li l-Kunsill ikun ħa deċiżjoni finali dwar jekk għandu jagħmel sejħa li jottjeni servizz mingħand il-kuntrattur jew jutilizza s-servizz tal-ħaddiema kif assenjati mal-Kunsill.

## 2. ***Kommunikazzjonijiet***

2.1.0 Sindku

2.1.1 Xogħol ta' pavimentar fi trejqa/sqaq li tmiss mal-Wesgħet Anglu Dalli (fuq il-lemin tal-belvedere) il-Gudja. Is-Sindku ippropona illi tkun ħaġa tajba li din issir bil-pavimentar mal-art privata ta' dawn ir-residenti. Saret diskussjoni

dwar li ma tkunx ħaġa sewwa jekk issir ix-xogħol u jkun jidher li qisu hemm proġett mhux komplut peress li l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol fuq art privata.

Il-Kunsill iddeċieda illi għandhom jissejħu r-residenti konċernati sabiex juru l-interess tagħhom u kemm ikunu disposti li joħorġu sehemhom u jingħaqdu mal-Kunsill u li jsir xogħol wieħed u jekk dan issir ikun sar proġett sħiħ u fl-aħjar interess tar-residenti kollha.

Meta l-Kunsill ikollu d-deċiżjoni ta' dawn ir-residenti konċernati l-Kunsill ikun jista' issejjaħ laqgħa b'urġenza u jieħdu deċiżjoni finali dwar dan ix-xogħol ta' pavimentar f'din il-parti tat-trejqa/sqaq mal-ġemb ta' Wesgħet Anġlu Dalli.

2.1.2 Attivita ta' Kick Boxing għall-unur ta' Daniel Zahra. Is-Sindku introduċa din it-tema billi qal li Daniel Zahra għamel ġiħ il-Gudja f'dan il-qasam sportivi. Is-Sindku qal li jkun xieraq li l-Kunsill ikun involut f'attivita billi jgħin sabiex jiġi armat palk fil-pjazza prinċipali tal-Gudja u jista' jkun hemm il-parteċipazzjoni tal-banda tal-pulizija u xi attivitajeit oħra sabiex jinħoloq spettaklu u divertiment għal dawk li jattendu. Il-ħsieb huwa li din l-attivita tittella fl-01 ta' Novembru 2013 u li jinġabru fondi għal skopijiet filantropiċi.

Is-Sindku qal li l-Kunsill sejjer jingħata aktar tagħrif minn żmien għal żmien wara li jkunu saru kuntatti mal-manager u organizzaturi ta' serati fejn jieħu sehem Daniel Zahra.

2.1.3 Xogħol ta' konkos f'toroq u trejqiet mhux urbani fil-konfini tal-Gudja. Is-Sindku qal li fil-passat saru tiswijiet fi Triq BurĠlat iżda jidher li hemm bżonn ta' xogħlijiet oħra sabiex dak li sar jiġi salvat. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jikseb stimi ta' dan ix-xogħol mingħnad il-Perit tal-Kunsill sabiex ikun jista' iddaħħal dan ix-xogħol fil-programm ta' ħidma tal-Kunsill.

2.1.4 Xogħol ta'konkos fi Triq Birżebbuġa. Is-Sindku qal li fil-parti ta' Triq Birżebbuġa il-parti li mhux urbana, hemm kisra li diġa tnadfet (mill-borehole sa Triq Birżebbuġa), ġewwa r-raba li għandha bżonn tingħata l-konkos għaliex iżomm ħafna ilma. Is-Sindku huwa tal-fehma li l-Kunsill diġa kiseb l-istimi tal-Perit dwar dan ix-xogħol.

Fuq mistoqsija tas-Sur Baldacchino is-Sindku wieġeb u ikkonferma li bil-konkos li ser jingħata fuq sodda tajba ta' materjal kif meħtieġ f'din il-parti tat-triq mhux sejjer joqgħod aktar ilma u għalhekk l-inkonvenjent preżenti għandu jispiċċa. Għandhom issir il-livelli meħtieġa sabiex ix-xogħol isir bl-aħjar mezz possibli.

Il-Kunsill iddeċieda li l-Kunsillieri għandkom jiġu informati dwar l-istimi ta' dawn ix-xogħlijiet sabiex meta dawn l-istimi jkunu għand il-kunsillieri tissejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex il-Kunsill jieħu d-deċiżjoni dwar it-twettieq ta' dan ix-xogħol.

2.2 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri

2.2.1 Viċi-Sindku

a. Ġbir ta' ħwejjeġ użati. Is-Sur Baldacchino qal li bi ftehim mal-GreenPak sejrin jinġabru ħwejjeġ użati. Dan sejjer jibda fl-aħħar Tnejn t'Ottubru 2013 u sejjer ikompli fl-aħħar Tnejn ta' kull xahar. Dawn il-ħwejjeġ sejrin jaslu mill-Kunsill sal-Inspire ġewwa Marsascala. Il-Kunsill sejjer joħroġ l-ispiża ta' van li jwassal dawn il-ħwejjeġ għand l-Inspire. Is-Sur Baldacchino qal li sejjer jitqassam flyer li juri u jagħti informazzjoni dwar dan is-servizz. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino u li jħallas dwar il-ġarr sa għand l-Inspire, f'Marsaskala.

b. Kompetizzjoni qalb ir-residenti dwar is-separazzjoni tal-iskart. Is-Sur Baldacchino qal li qiegħed f'diskussjoni dwar dan mal-GreenPak u li sejjer jagħti informazzjoni dwar din il-ħidma fil-laqgħat tal-Kunsill.

c. Rapport tal-GreenPak 2$^{nd}$ quarter – recovery. Is-Sur Baldacchino qal li dan ir-rapport fih informazzjoni interessanti dwar il-qagħda tal-Gudja fil-ġbir tal-iskart riċiklat. Is-Sur Baldacchino qal li r-residenti tal-Gudja qed jipparteċipaw sewwa u għalhekk xtaq li juri l-apprezzament tal-Kunsill dwar il-ko-operazzjoni tar-residenti f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra t'apprezzament lir-residenti kollha tal-Gudja u fejn tingħata informazzjoni dwar il-ħidma preżenti u dik proposta sabiex ikun aktar suċċess fil-ġbir ta' skart riċiklabbli għaliex dan huwa fl-aħjar interess tar-residenti tal-Gudja u tal-Kunsill.

d. Rapport tal-Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA). Is-Sur Baldacchino ippropona sabiex il-Kunsill jikseb stimi mingħand Forestals Commercials Ltd dwar dak meħtieġ sabiex il-playing fields ta' Ġnien Ġlormu Cassar u dak ta' ħdejn il-ground tal-futbol ħdeja ta' Bettina jkun għal livell aċċettabbli u bla periklu u b'hekk ikunu jistgħu jitgawdew minn dawk li jiffrekwentawhom.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino u ddeċieda ukoll illi dawn l-istimi għandhom jiġu ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha sabiex il-Kunsill ikun f'qagħda li jieħu deċiżjoni infurmata dwar ix-xogħol u l-prijorita meħtieġa.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Youth in Action Programm. Is-Sur Sammut qal li ħassu diżappuntat li meta kien għadda d-dokumenti kollha dwar dan il-programm lill Kunsilliera D. Grech hija f'daqqa waħda infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħetx taġixxi bħala team leader għal dan il-grupp.

Ms. Grech wieġbet li filwaqt li tiskuża ruħha għal xi inkonvenjent li seta' inqala, hija aġixxiet b'mod immedjat malli saret taf li kellha intervitsa importanti dwar impjieg u għalhekk immedjatament infurmat lill Kunsill dwar dan sabiex jinstab Youth Leader ieħor, kif hekk ġara, sabiex il-grupp ikun jista jkompli jippartecipa f'dan il-programm.

Saret diskussjoni fejn intweriet ix-xewqa li għal futur ikun hemm kommunikazzjni aħjar qalb il-Kunsilliera sabiex ix-xogħol tal-Kunsillieri jitmexxa bla diffikulta u f'sens ta' team spirit.

ii. Attivitajiet sportivi. Is-Sur Sammut qal li huwa kien qed jaħdem dwar programm sportiv fejn jieħdu sehem fiħ residenti ta' diversi etajiet. Dettalji dwar dan jingħataw aktar il-quddiem fil-laqgħa tal-Kunsill.

b. Demesla Grech

i. MEUSAC. Ms. Grech qalet li nhar it-Tlieta 20 t'Awwissu 2013 hija flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellha laqgħa ma' uffiċċjali tal-MEUSAC (Ms. Alison Camilleri u Ms. Annabelle Khalil) fejn ġie diskuss kif il-MEUSAC tista tgħin sabiex il-Kunsill jikseb fondi mill-EU.

ii. Ġemellaġġ. Ms. Grech qalet illi qed isiru kuntatti sabiex ikun hemm il-preparazzjoni dwar possibilitajiet ta' relazzjoni u eventwalment ġemellaġ ma xi kunsilli barranin li jaqsmu l-oġġettiv u ħtiġijiet tal-Kunsill Lokali Il-Gudja. Għal dan il-għan il-MEUSAC tkun tista' tgħin fil-kisbiet ta' fondi speċjalment fil-programm ta' fondi 2014-2020.

iii. Proposti ta' Proġetti. Ms. Grech talbet lill kunsillieri kollha sabiex jinfurmawha u jaħdmu flimkien dwar proposti u proġetti sabiex dawn jiġu preżentati fil-programm ta' fondi tal-EU 2014-2020.

iv. GAL Xlokk Proġett: Action-A7 Community Support for Children. Ms. Grech qalet li hija flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat dan il-proġett skond is-sejħa riċenti tal-GAL Xlokk li l-Kunsill Lokali Il-Gudja jifforma parti minnu. Ms. Grech qalet li sar ħafna xogħol dwar dan il-proġett u l-Kunsill qed jistenna r-riżultat tal-għażala. Aktar informazzjoni tingħata fil-laqgħat tal-Kunsill.

v. YiA – ġewwa Jihlava – Reppublika Ċeka. Ms. Grech qalet li hija żammet kuntatt mal-grupp u t-team leader Julian Portelli. Ms. Grech qalet li hija infurmata li dan il-grupp ta' erba' żgħażagħ u team leader kisbu suċċess u ħallew isem tajjeb u ta' ġieħ għal Gudja. F'isem il-Kunsill hija xtaqet tirringrazzja lil dawn iż-żgħażagħ u l-leader tal-grupp u li fil-futur ikun hemm aktar żgħażagħ li jipparteċipaw fil-programm ta' Youth in Action bħal ma ipparteċipaw żgħażagħ oħra mill-Gudja u bil-ħidma tal-Kunsill.

vi. Kotba tal-Librerija G. Zammit. Ms. Grech qalet li qed issir ħidma u jinxtraw aktar kotba u li dawn il-kotba ikunu għaċ-ċirkolazzjoni u l-qari fi żmien qasir peress li qed jiqsar id-dewmien ta' reġistrazzjoni mill-Librerija Nazzjonali tal-Floriana.

vii. Laqgħat mal-Pulizija. Ms. Grech qalet li jkun tajjeb illi meta jkun hemm xi talba tal-Pulizija sabiex issir laqgħat fuq xi problema jew suġġett ta' interess għal Gudja, il-Kunsill jew jaċċetta l-istedina jew jekk il-Kunsill jaħseb li din il-laqgħa ma tkunx utli għal Gudja, il-Kunsill għandu

jinforma lill Pulizija li ma jkunx qed jilqa l-istedina peress li ma jkollux x'jiddiskuti f'dak il-perjodu.

Is-Sindku wieġeb illi huwa jkollu kuntatt mal-Pulizija regolarment f'sens informali u fit-28 t'Awwissu 2013 fis-1.00pm sejjer jiltaqa mal-Ispettur Aquilina u s-Supretendent Bartolo tad-distrett taż-Żejtun u dan fuq talba tal-istess spettur sabiex jintroduċu ruħhom lill-Kunsill u b'hekk ikun hemm relazzjoni tajba u konoxxenza tal-problemi li jiffaċja l-Kunsill dwar l-ordni pubblika. Is-Sindku stieden lill kunsillieri kollha sabiex jattendu dwar din il-laqgħa.

c. Stefan Caruana

i. Is-Sur Caruana fakkar illi fil-programm l-Erba' Staġuni – programm kulturali madwar il-Gudja mit-08 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru 2013 għad-fadal erba' attivitajiet ewlenin li huma:-

Fid-29 ta' Awwissu 2013 – **Festa Sajf – Għeluq ta' Skola Sajf**
9am - 12pm - Attività taħt it-tinda organizata mill-Grupp Żgħażagħ Gudja bil-kollaborazzjoni ta' St. Joan Antide Primary School tal-Gudja u l-iskola Primarja tal-Kulleġġ San Benedittu tal-Gudja, Ġnien Raymond Caruana, Triq San Mark.

Mit-30 ta' Awwissu sal-1 ta' Settembru – **'JChallenge@Gudja 2013'**
Il-Grupp Żgħażagħ Gudja bil-kollaborazzjoni tal-Kummisjoni Djoċesana Żgħażagħ u l-Aġenzija Żgħażagħ ser itellgħu t-tieni edizzjoni tal-vilaġġ għaż-żgħażagħ mibni fuq 56 siegħa ta' ħidma volontarja bit-tema *'Discover Your Values, Create Your Community'* - Ġnien Raymond Caruana, fi Triq San Mark.

L-1 ta' Settembru 2013 – **Ftuħ ta' Xelters**
9am - 11.30am - fi Triq Raymond Caruana.

L-1 ta' Settembru 2013 – **Ftuħ tal-Kappella ta' Birmiftuħ**
9am - 11.30am - bil-kollaborazzjoni ta' Din l-Art Ħelwa.

Is-Sur Caruana ħeġġeġ lill Kunsillieri kollha sabiex filwaqt li jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet iħeġġeġ ukoll illi l-istess kunisllieri iħeġġu lir-residenti sabiex jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet interessanti. Is-Sur Caruana qal li kien qed jaħdem dwar it-tieni parti ta' dan il-programm. Is-Sur Caruana qal illi d-dati ta' dan il-programm huma ibażati fuq dati tal-MCCA. Id-dati tat-tieni parti għalhekk sejrin ikunu mis-16 ta' Settembru sat-08 ta' Diċembru 2013. Huwa qal li aktar dettalji dwar dan il-programm sejrin jingħataw fl-laqgħat oħra tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jiġu ordnati u jitwaħħlu tabelli ħdejn postijet ta' importanza kif sar ħdejn il-Kappella ta' Sta Katarina fi Triq Raymond Caruana Il-Gudja.

ii. Turiżmu – Arti u Kultura. Is-Sur Caruana qal li grupp ta' 14-ir ruħ minn diversi pajjiżi li għandhom interess fl-arti, kultura u krejattivita

sejrin jerġgħu jżuru l-Gudja u dawn l-istess nies jirrelataw dwar dawk l-aspetti t'interess li jkun laqgħathom u b'hekk iħajru nies minn pajjiżhom u diversi pajjiżi sabiex iżuru l-Gudja u jiżdied t-turiżmu fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li jipprovdi u iħallas għat-trasport mill-lok li jkunu joqgħodu f'Malta għall-Gudja u lura. Is-Sur Caruana qal li aktar informazzjoni dwar din iż-żjara tingħata fl-laqgħat oħra tal-Kunsill.

iii. JChallenge Youth Village Il-Gudja – 29 t'Awwissu sal-01 ta' Settembru 2013. Is-Sur Caruana qal li l-ftuħ uffiċjali sejjer issir fit-30 t'Awwissu 2013 fis-serata qasira bejn il-5.45p.m. sas-6.30p.m. Din sejra ssir bit-tħawwil ta' siġra mis-Sindku u jitkompla l-orange/lemon grove fuq in-naħa ta' barra ta' Ġnien R. Caruana. Il-Kunsill qabel li l-ELC jagħmlu l-arranġamenti sabiex iċaqalqu xi siġar għal post aktar addattat u jiġi krejat post fejn jitwaħħlu siġar taċ-ċitru għal din l-okkażjoni.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jipprovdi t-tindif u ordni pubblika għal waqt u wara din l-attivita ta' JChallenge Youth Village.

iv. Kors tal-Macrame. Is-Sur Caruana qal illi bħala parti mill-kultura huwa kien qed jaħdem li jiġi organizzat dan il-kors fiċ-Ċentru ta' Tagħlim matul il-Ħajja u li dan il-kors għandu jibda fil-bidu t'Ottubru 2013.

***Sospenzjoni tal-Agenda***

6. **<u>Xogħlijiet u Progress:-</u>**

**<u>a. Triq il-Kbira Il-Gudja</u>**

6.1 Fuq talba tal-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino,il-Kunsill qabel li jiddiskuti l-email datata 23 t'Awwissu 2013 li l-Kunsill rċieva mingħnad Denfar li tgħid li Denfar ġie ikkuntatjat minn Go plc u għarfuhom li jridu jgħaddu xi servizzi minn ġol bankina kif muri fi pjanta li ntbagħatet lill-istess Denfar.

6.2 Id-Denfar talab lill-Kunsill sabiex tapprova dawn ix-xogħlijiet (jew le) u jekk il-Kunsill jagħti din l-approvazzjoni u kunsens li jsir ix-xogħol, il-Kunsill ikun ukoll irid japprova li ssir estenzjoni ta' ġimgħa mid-data ta' meta jrid jispiċċa x-xogħol. Id-Denfar talab risposta ta' malajr.

Id-Denfar fl-istess email stqarr ukoll illi ilhom jistennew ġimgħa li jiġi surveyor biex jagħti l-livelli biex ikunu jistgħu jibdew kostruzzjoni tal-bankini.

Saret diskussjoni fejn intwera ukoll ċertu dubju dwar dak li qed jitlob id-Denfar u anke dwar li d-Denfar dejjem qed issib kull skuża li jtawwal speċjalment meta l-istess kuntrattur kien bagħat ittra li ma jridx ikompli bix-xogħol u wara qabad u beda x-xogħol mingħjar ma kienx informa lill-Perit tal-Kunsill kif kien talab l-istess Kunsill fil-works order tat-08 t'Awwissu 2013.

Is-Sindku wieġeb li kien konxju li Denfar Excavators Ltd kienu bdew ix-xogħol u li qalgħu l-kurduna u li kien qed jitlob lill-istess Denfar li jirtiraw dak

li ntqal minnhom fl-email tat-08 t'Awwissu 2013 u b'hekk ikompli jimxu skond it-terminu tal-kuntratt mal-Kunsill dwar xogħol ta' pavimentar.

6.3 Fuq domanda tas-Sur Baldacchino, s-Sindku qal li minn dak il-materjal li inqala huwa kien ra li jissalva dak possibli sabiex dan il-materjal jerġa jintuza fil-pavimentar ġdid fl-istess triq.

6.4 Saret diskussjoni fejn intweriet l-importanza li x-xogħol issir u jitelsta sew qabel il-festa tas-06 t'Ottubru 2013 u li l-Kunsill ma kienx konxju li l-kuntrattur kien qed jistenna s-servizz tas-surveyor kif allega l-kuntrattur.

6.5 Waqt din l-istess laqgħa il-Kunsill qabel (u kif hekk għamel) li jiġi kuntattjat s-surveyor Sur Adrian Borg sabiex nhar it-Tnejn 26 t'Awwissu 2013 jmur fuq il-post mas-Sindku, rappreżentat tad-Denfar u ta' Philip Agius & Sons sabiex jagħti l-posti u jara dwar dak li qed jitlob il-kuntrattur Denfar Excavators Ltd.

6.6 Il-Kunsill iddeċieda li jwieġeb għal email tal-istess Denfar tat-23 t'Awwissu f'dan is-sens segwenti:-

Fil-laqgħa tat-23 t'Awwissu 2013, il-Kunsill iddeċieda illi m'ghandu l-ebda oġġezzjoni li jsir xogħol ta' servizzi tal-kumpanija Go plc ġol-bankina fi Triq il-Kbira Il-Gudja. Dan ix-xogħol għandu jsir taħt id-direzzjoni tal-Go plc u m'għandux ifixkel jew iżid spejjeż għal Kunsill fit-twettieq ta' ix-xogħol tal-Kunsill f'dan il-proġett.

Il-Kunsill jagħmilha ċara li ma jagħmel l-ebda ħlas jew spejjeż dwar xogħol u materjal rikjest mill-istess Go plc.

Il-Kunsill iddeċieda ukoll illi fiċ-ċirkustanzi ma jistax li jintrabat li jżied iż-żmien minn dak indikat fil-works order tal-Kunsill.

Dwar is-surveyor il-Kunsill għamel kuntatt mas-surveyor Adrian Borg sabiex b'mod immedjat jagħmel kuntatt mal-kuntrattur Denfar Excavators Ltd, il-Perit William Lewis u l-kuntrattur Philip Agius & Sons sabiex flimkien ikunu fuq il-post nhar it-Tnejn 26 t'Awwissu 2013 u s-surveyor jagħti l-posti u jara dwar dak ix-xogħol ta' surveying li qed jitlob il-kuntrattur Denfar u jirrelata dwar dan lill-Kunsill u lil Perit William Lewis.

***Għeluq tal-laqgħa u aġġornament***

Peress li kien jidher li t-temi tal-agenda ma kienux sejrin jiġu eżawriti kollha waqt din il-laqgħa, sar qbil bejn il-kunsillieri kollha preżenti (inkluż is-Sindku) illi l-laqgħa tieqaf fit-8.15p.m. u tiġi aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 t'Awwissu 2013 fis-5.45p.m. bl-istess agenda (ħlief għat-temi eżawriti) li ġiet u li sejra tiġi ċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv
Approvati:-

John-Mary Calleja
Sindku